MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2025

Appell Inferjuri Numru 13/2024 LM

**Simon u Graziella Borg Duca**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Energy Management Solutions Limited (C 42110)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Energy Management Solutions Limited (C42110)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-28 t'Awwissu, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti **Simon u Graziella Borg Duca** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], kif ġej:

> *"Wara li ra d-dokumenti kollha u analizzahom, it-Tribunal jidhirlu illi l-kalkoli li għamlu r-rikorrenti huma raġonevoli. Fiċ-ċirkostanzi però, u anke peress illi r-rikorrenti setgħu kienu aktar preċiżi dwar kif waslu għall-kalkoli tagħhom, se jiffissa dan it-telf,* arbitrio boni viri *fl-ammont ta' elf u ħames mitt euro.*
>
> *Għal dawn il-motivi, jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjetà intimata tħallashom l-ammont ta' elf u ħames mitt euro. Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà intimata."*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw tilwima bejn ir-rikorrenti, li huma konsumaturi, li xtraw għadd ta' pannelli mingħand is-soċjetà intimata, liema pannelli r-rikorrenti jgħidu li ma kinux qegħdin jaħdmu skont kif kien mifthiem. Ir-rikorrenti għalhekk talbu li s-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallashom is-somma ta' €1,800 rappreżentanti t-telf ta' *units* meta l-pannelli ma kinux qegħdin jaħdmu skont il-kwalità mifthema, jew inkella s-soċjetà intimata tkun obbligata tipprovdi sistema kif imwiegħda, jiġifieri sistema li jekk jinqata' d-dawl ikollha riserva, jew inkella li titneħħa s-sistema ta' riserva tal-batteriji u r-rikorrenti jingħataw il-flus lura ta' din is-sistema.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti spjegaw li huma jgħixu fil-fond 72, Binja Fieres, Block A, Flat 1, Triq San Remiġ, Ħal Kirkop, u fil-11 ta' Settembru, 2021 huma xtraw għadd ta' pannelli solari mingħand is-soċjetà intimata, bil-prezz tal-pannelli jkun jinkludi wkoll l-installazzjoni tagħhom, u l-applikazzjoni tal-*mobile* li minnha seta' jsir il-monitoraġġ tal-istess pannelli. Ir-rikorrenti spjegaw li addizzjonalment huma xtraw batteriji bil-prezz ta' €6,000, liema batteriji jippermettu r-riżerva tad-dawl

f'każ ta' qtugħ min-naħa ta' Enemalta. Ir-rikorrenti spjegaw li binhom huwa awtistiku u jbati bl-ADHD, u huma rrikorrew għal din is-sistema għaliex binhom ikun affettwat ħażin ħafna kull meta jinqata' d-dawl. Ir-rikorrenti qalu li sa Ottubru tal-2021, l-applikazzjoni fuq il-*mobile* kienet għadha ma ġietx installata, u bdew jinnutaw ukoll li l-pannelli ma kinux qegħdin jiffunzjonaw kif miftiehem. Qalu li huma kkomunikaw dwar dan mas-soċjetà intimata diversi drabi, kif ukoll mal-ARMS li kkonfermatilhom li l-problema kienet ġejja mis-sistema tal-pannelli nnifisha. Qalu li kien biss fl-20 ta' Diċembru, 2022 li s-soċjetà intimata bagħtet rappreżentant tekniku li kkonferma li l-batteriji ma kinux qegħdin jaħdmu tajjeb, iżda dawn xorta ma ġewx irranġati jew mibdula. Qalu li huma għalhekk ma kellhom ebda għażla ħlief li jressqu ilment quddiem l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur. Ir-rikorrenti qalu li minħabba f'dan in-nuqqas huma tilfu b'kemm jiswew €1,800 f'*units* fiż-żmien li l-pannelli ma kinux qegħdin jaħdmu kif suppost. Kien għalhekk li huma talbu lit-Tribunal jordna lis-soċjetà intimata tħallashom l-ammont ta' €1,800 rappreżentanti telf ta' *units* fil-perijodu meta l-pannelli solari ma kinux qegħdin jaħdmu skont il-kwalità mifthema, kif ukoll talbu lit-Tribunal jordna lis-soċjetà intimata tipprovdi sistema kif imwiegħda lilhom, jiġifieri sistema li jekk jinqata' d-dawl ikollha riserva, jew inkella li titneħħa s-sistema tar-riserva tal-batteriji, u huma jiġu mogħtija lura l-flus ta' din is-sistema.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li s-sistema ordnata mir-rikorrenti ma kinitx tinkludi *emergency power supply*, u din il-*feature extra* ma kinitx ġiet ordnata għalihom. Qalet li l-*wifi* ukoll ma kienx inkluż fis-sistema, u l-funzjoni tal-batteriji mhijiex biss dik li tipprovdi d-dawl meta jkun hemm qtugħ. Qalet ukoll li meta r-rikorrenti resqu quddiemha b'xi ilment, hija dejjem qdiethom, u l-ewwel darba

li r-rikorrenti għamlu xi forma ta' ilment dwar il-ħsara, kien f'Diċembru tal-2022. Qalet ukoll li bejn Diċembru 2022 u Marzu 2023 il-batteriji ma kinux qegħdin jaħdmu, u għalhekk dawn issewwew. Qalet ukoll li l-garanzija ma kellhiex tibqa' valida jekk il-batteriji jitħallew mingħajr *charge* għal tul ta' żmien, iżda hija bidlithom xorta waħda. Qalet ukoll li hija ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti waslu għas-somma ta' €1,800, u ċaħdet li kien hemm responsabbilità min-naħa tagħha għat-telf ta' *units* mir-rikorrenti.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. It-Tribunal, permezz tad-deċiżjoni tiegħu, laqa' t-talbiet tar-rikorrenti parzjalment, billi ffissa kumpens *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*Illi rriżulta mill-provi illi f'Marzu 2021, ir-rikorrenti ddeċidew illi jinvestu f'sistema ta' pannelli solari mingħand is-soċjetà intimata u dan wara li raw riklam fuq il-mezzi soċjali. F'Settembru 2021 għamlu l-ordni għal għaxar pannelli għall-prezz ta' €5,000 (Diamond Package) bil-garanzija mingħand is-salesman George Muscat illi s-sistema ser tipproduċi sa massimu ta' 33 units kuljum.*

*Ftit wara li għamlu l-ordni ddeċidew li jinvestu sitt elef euro iżjed biex is-sistema jkollha batteriji tar-riżerva sabiex każ li jinqata' dawl huma dejjem ikollhom dawl. Inkluż fil-prezz ir-rikorrenti qalu li s-soċjetà intimata kellha tinstalla wkoll applikazzjoni tal-mobile biex ikunu jistgħu jagħmlu monitoraġġ tal-pannelli. F'Ottubru 2021 is-sistema tal-pannelli ġiet installata minn impjegat tas-soċjetà intimata iżda l-applikazzjoni tal-mobile ma ġietx installata. Ftit wara, irċevew kont tad-dawl fejn indunaw illi s-sistema tal-pannelli solari ma kinitx qed taħdem sew u ppruvaw jagħmlu kuntatt ma' EMS Ltd.*

*Beżgħu illi l-problema kienet ġejja mill-ARMS, però wara verifiki mal-ARMS, ġie kkonfermat illi l-problema kienet ġejja mis-sistema tal-pannelli solari. Wara diversi tentattivi, is-soċjetà EMS bagħtet tekniku fl-20 ta' Diċembru, 2022 minn fejn irriżulta*

*li l-batteriji ma kinux qed jaħdmu sew u għalhekk tfihom. Fil-fatt il-batteriji kienu qed jagħtu fault skont it-tekniku Stephen Attard u minħabba dan il-fault is-sistema kienet qed tittrippja s-sistema tal-pannelli solari.*

*Il-batteriji baqgħu ma tranġawx u dan minkejja li r-rikorrenti ċemplu lis-soċjetà intimata. Malli għamlu ilment mal-MCCAA, l-Inġ. Jean Paul Micallef bagħat tekniku l-għada stess li reġa' kkonferma li l-batteriji ma kinux qed jaħdmu sew u wara ftit jiem l-EMS biddlet il-batteriji, iżda l-batteriji l-ġodda ma kinux jipproduċu riżerva skont il-ftehim. Dakinhar stess, wara sena u nofs mill-installazzjoni, l-applikazzjoni tal-mobile ġiet installata fejn setgħu jaraw jekk is-sistema kienet qed taħdem u x'kienet qed tipproduċi. Illi sakemm biddlu l-batteriji kkalkolaw li kien hemm telf ta' madwar €1,800.00 imma xorta waħda s-sistema tal-batteriji ma kinitx skont kif ġie miftiehem oriġinarjament – u ċioe li jekk jinqata' l-provvista tad-dawl ikun hemm dawl xorta waħda.*

*Illi xehed ukoll Jean Paul Micallef rappreżentant tas-soċjetà intimata li qal illi l-ordni li kellhom ir-rikorrenti ma kinitx tinkludi li meta jinqata' d-dawl ikollhom back-up tad-dawl – l-EPS back-up box. Kull ma kellhom kien l-installazzjoni ta' għaxar pannelli, l-inverter hybrid u l-batteriji – il-funzjoni tal-hybrid u tal-batteriji huwa li flok tbiegħ id-dawl bir-rata baxxa, iżżommu għalik ġewwa l-batteriji biex tużah inti stess. Spjega li hemm funzjoni oħra li jekk jinqata' d-dawl int ikollok dawl xorta anke jekk ma jkunx hemm dawl tal-gvern – però dan ma kienx fl-ordni tar-rikorrenti. L-intimat spjega li l-meter tas-sistema ġie installat mill-ARMS fis-7 ta' Ottubru, 2021 u wara li ġie installat ir-rikorrenti infurmawhom illi kellhom ħsara fis-sistema minn terzi. B'hekk fid-9 ta' Novembru, 2021 marru fuq il-post u għamlu riparazzjoni tal-cables u tħallsu l-ammont ta' €75.00 għax ma kienx każ ta' ħsara fis-sistema. Sena wara, fl-20 ta' Diċembru, 2022, kien hemm error fil-control system tal-batteriji u għalhekk skonnettjawhom. Fl-4 ta' Marzu, 2023 irċevew email mingħand il-klijent u fil-5 ta' Marzu, 2023 mar tekniku fuq il-post u ma biddel xejn. Reġa' mar fil-11 ta' Marzu, 2023 u biddel il-batteriji u qabbad is-sistema mal-WIFI. Ikkonferma illi għal sena sħiħa minn Marzu 2022 sal-11 ta' Novembru, 2022 is-sistema ma kinitx qed tipproduċi u ma ġewx informati u għalhekk ma setgħu jieħdu l-ebda azzjoni.*

*Ikkunsidra*

*Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu il-ħlas ta' €1,800, rappreżentanti t-telf ta' units fil-perijodu meta l-pannelli solari ma kinux qed jaħdmu; kif ukoll li s-soċjetà tipprovdi sistema ta' riżerva tal-batteriji kif kienet imwiegħda jew li titneħħa u jiġu mogħtija lura l-flus ta' din is-sistema; illi min-naħa l-oħra, l-intimat filwaqt illi jirrikonoxxi illi kien hemm ħsara fis-sistema jikkontendi illi 1) l-ordni tar-*

*rikorrenti ma kinitx tinkludi l-EPS back-up, 2) ma hemm l-ebda spjegazzjoni ta' kif waslu għaċ-ċifra ta' €1,800.00), 3) għal sena sħiħa (2022) ir-rikorrenti ma kellmuhomx u ma setgħu jieħdu ebda azzjoni min-naħa tagħhom.*

*Ikkunsidra*

*Illi għalkemm ir-rikorrenti xtraw sistema ta' pannelli u batteriji mingħand is-soċjetà intimata għall-prezz ta' €11,000, għal xi raġuni qatt ma esebew kopja tal-order form jew tal-irċevuta tal-ħlas. It-Tribunal m'għandux dubju illi dan kien il-prezz illi huma ħallsu għas-sistema ta' pannelli u tal-batteriji u dan qatt ma ġie negat mill-kontro-parti, però fin-nuqqas ta' order form it-Tribunal mhuwiex f'pożizzjoni illi jmeri jew jikonferma eżattament fhiex kien jikkonsisti l-ftehim. Minn dak esebit mir-rikorrenti, jidher illi huma għażlu l-pakkett 'Diamond' għall-prezz ta' ħamest elef euro li kien jinkludi 10 pannelli solari. Ma hemm l-ebda referenza għas-sistema ta' batteriji jew għal riżerva, u t-tpinġija esebita (Dok. 5) ma tixħed ebda dawl fuq ir-riżerva tad-dawl. Għalhekk, għalkemm it-Tribunal huwa konvint illi huma ħallsu iżjed għall-batteriji, fin-nuqqas ta' prova ċara tal-funzjoni tal-batteriji, it-Tribunal ma jistax jispekola u għalhekk ħa jillimita ruħu għall-ewwel parti tat-talba tar-rikorrenti – u ċioe t-telf tal-units.*

*Ikkunsidra*

*Illi rriżulta mill-provi li fis-27 ta' Jannar, 2022 ir-rikorrenti għamlu kuntatt ma' ċertu Ġorġ, is-salesman li kien biegħelhom il-pannelli u talbuh spjegazzjoni tal-kont.*

"Hi Ġorġ, tista' tispjegali dan il-kont jekk jogħġbok għax jekk qiegħda nifhem sew il-pannelli kull ma tawni €5.50 fix-xahar BISS."

*Għal dan il-messaġġ ma rċevew l-ebda risposta.*

*F'April 2022 reġgħu għamlu kuntatt ma' Ġorġ però ma jidhirx illi kien hemm risposta: "*Hi Ġorġ, kellek tiċċekkja fuq xi wires u nsejtna."

*Minn dawn il-messaġġi jidher ċar illi f'dan il-perijodu, kien hemm xi forma ta' kuntatt/komunikazzjoni ma' Ġorġ għaliex kienu qegħdin jistennew risposta mingħandu.*

*F'Diċembru 2022 ir-rikorrenti reġgħu għamlu kuntatt ma' Ġorġ fejn qalulu ċar u tond li kellhom il-ħsara fil-pannelli u spjegawlu li l-meter kien ilu jimmarka 0 minn Marzu 2022. Mal-ewwel Ġorġ irrisponda u qallhom li ser jgħaddi l-ilment, kif fil-fatt ġara.*
*Fl-20 ta' Diċembru ġie tekniku fuq il-post u qala' parti mis-sistema tal-batteriji u tfiehom sakemm jitranġaw, sabiex il-pannelli jkunu jistgħu jaħdmu (Dok. B3).*

*Fil-5 ta' Marzu reġa' ġie tekniku fuq il-post, però kien biss fil-11 ta' Marzu, 2023 li l-batteriji tranġaw u nbidlu.*

*Ikkunsidra*

*Illi l-aggravju prinċipali tal-intimat huwa illi hu ma ġiex mgħarraf bl-ilment għal sena sħiħa u għalhekk ma setax jieħu azzjoni.*

*Mill-provi jidher ċar illi r-rikorrenti kienu f'kuntatt ma' Ġorġ, li kien is-salesman li qdihom mill-bidu nett. Bħal ma jiġri spiss f'każijiet bħal dawn meta jkun hemm dubji u suspetti illi l-affarijiet mhumiex qegħdin jaħdmu kif suppost, dak li jkun jipprova jesplora x'inhuma r-raġunijiet u jara minn fejn il-problema tista' tkun ġejja. U jidher illi l-ewwel ħjiel li kellu li l-affarijiet ma kinux sew kien proprju f'Jannar 2022 meta għamel kuntatt ma' Ġorġ u staqsieh dwar il-kont. Għalkemm ma kien hemm l-ebda risposta mingħand Ġorġ, mill-messaġġ ta' wara mibgħut f'April, huwa ċar illi bejn Jannar u April kien hemm kuntatt bejniethom u fil-fatt kien qed jistenna risposta mingħand Ġorġ fuq xi wires.*

*Jidher illi fl-istess żmien, bejn April u Diċembru, 2022, ir-rikorrenti ppruvaw jikkuntattjaw il-kumpannija diversi drabi u kienu f'kuntatt ukoll mal-ARMS li anke ġew fuq il-post, fejn wara ġie kkonfermat illi fil-fatt il-problema ma kinitx min-naħa tal-ARMS imma kienet ġejja mill-pannelli.*

*Għalhekk, fit-13 ta' Diċembru, 2022, ir-rikorrenti reġgħu għamlu kuntatt dirett ma' Ġorġ fejn ilmentaw li kellhom ħsara fil-pannelli u l-affarijiet imxew minn hemm.*

*Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi kien biss f'Diċembru 2022 meta r-rikorrenti aċċertaw ruħhom illi l-problema kienet ġejja mill-pannelli. Hemmhekk huma għamlu kuntatt ma' Ġorġ, tramite l-messenger (SMS) bħalma kienu għamlu qabel, u ġimgħa wara fl-20 ta' Diċembru technician ġie mibgħut fuq il-post fejn sab li l-batteriji ma kinux qed jaħdmu. Sar rapport mal-manifattur u s-sistema tħalliet taħdem, però mingħajr il-batteriji.*

*Illi fil-11 ta' Marzu, 2023 is-sistema tħalliet taħdem u anke ġie installat l-app fejn il-klijenti setgħu jaraw jekk is-sistema kinitx qed taħdem – ħaġa li missha ġiet installata mill-ewwel.*

*Illi minn dawn ir-riżultanzi, it-Tribunal huwa sodisfatt illi s-sistema ordnat mir-rikorrenti jew ma kinitx installata kif suppost, jew inkella żviluppat ħsara bħala riżultat ta' error fil-batteriji li kkawżat ħsara fis-sistema tal-pannelli b'konsegwenti telf tal-elettriku.*

*Ikkunsidra*

*Illi skont l-artikolu 73 tal-Kap. 378 bejjiegħa għandhom jikkunsinnaw oġġetti lill-konsumatur li jikkonformaw mal-kuntratt tal-bejgħ, liema oġġetti għandhom b'mod partikolari, fejn applikabbli: (a) ikunu tad-deskrizzjoni, it-tip, il-kwantità u l-kwalità, u jkollhom il-funzjonalità, il-kompatibbilità, l-interoperabbilità u l-karatteristiċi l-oħra, kif jirrikjedi l-kuntratt tal-bejgħ; (b) ikunu tajbin għal kull għan partikolari li għalih ikun jeħtieġhom il-konsumatur u (2)(a) ikunu adattati għall-iskopijiet li għalihom normalment jintużaw oġġetti tal-istess tip.*

*Imbagħad l-artikolu 78 jgħid hekk: Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità eżistenti mal-konsenja tal-oġġetti u li jimmanifesta ruħhu fi żmien sentejn minn dakinhar.*

*Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi dan in-nuqqas ta' konformità ġie a konjizzjoni tas-soċjetà intimata l-ewwel darba f'Jannar 2022, meta r-rikorrenti kienu għadhom qed jesploraw il-kwistjoni u f'Diċembru 2022 meta kienu ċerti illi l-ħsara kienet ġejja mis-sistema nnifisha. Dawn iż-żewġ drabi kienu entro l-perijodu ta' sentejn mid-data tal-installazzjoni. Il-fatt illi r-rikorrenti użaw l-istess metodu, kemm f'Jannar kif ukoll f'Diċembru, u bagħtu sms lil 'Ġorġ' ixejjen l-argument tal-intimat li r-rikorrenti kellhom jibagħtu email. Il-kumpannija ħadet azzjoni immedjata f'Diċembru 2022, u dan wara li r-rikorrenti bagħtu sms lil Ġorġ. Għal xi raġuni, l-istess azzjoni ma ġietx segwita f'Jannar 2022, u ta' dan m'għandux jaħti r-rikorrenti.*

*Ikkunsidra*

*Illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu r-riżarċiment ta' €1,800.00. Ir-rikorrenti esebew numru ta' kontijiet tad-dawl li huma rċievu bejn 2021 u 2023.*

*Jannar 2022: konsum tal-elettriku €106.60 - €22.05 (less elec to grid) għall-perijodu li kien ikopri 16 ta' Settembru, 2021 u 15 ta' Jannar, 2021.*

*March 2022: konsum €82.25 - €0.00 (less elec to grid) għall-perijodu li jkopri 16 ta' Jannar, 2022 sat-3 ta' Marzu, 2022.*

*Lulju 2022: konsum €70.86 - €0.00 (less elec to grid) għall-perijodu 13 ta' Mejju, 2022 sat-3 ta' Lulju, 2022.*

*Settembru 2022: konsum ta' €64.08 - €0.00 (less elec to grid) għall-perijodu 4 ta' Lulju, 2022 sas-26 t'Awwissu, 2022.*

*Novembru 2022: kont ta' €79.21 - €0.00 (less elec to grid) għall-perijodu 27 t'Awwissu, 2022 sat-28 ta' Ottubru, 2022.*

*Frar 2023: kont ta' €92.34 - €8.51 (less elec to grid) għall-perijodu 29 ta' Ottubru, 2022 sa 24 ta' Frar, 2022.*

*Marzu 2023: konsum ta' €64.32 - €65.73 (less elec to grid) għall-perijodu 29 ta' Diċembru, 2022 sa 24 ta' Frar, 2023.*

*Mejju 2023: konsum ta' €20.94 - €70.28 (less elec to grid) għall-perijodu 25 ta' Frar, 2023 sa 27 ta' April, 2023.*

*Lulju 2023: konsum ta' €5.39 - €78.96 (less elec to grid) għall-perijodu 29 ta' April sas-27 t'Awwissu, 2023.*

*Settembru 2023: konsum ta' €3.25 - €98.07 (less elec to grid) għall-perijodu 28 ta' Mejju, 2023 sat-28 t'Awwissu, 2023.*

*Ikkunsidra*

*Illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu rifużjoni ta' €1,800, li skont huma kien l-ammont li huma tilfu kawża tal-ħsara fis-sistema. Kien ikun ħafna aħjar li kieku r-rikorrenti spjegaw kif waslu għal din iċ-ċifra u anke ġabu persuna teknika biex tixhed fuq din iċ-ċifra, però dan l-eżerċizzju m'għamlux.*

*Minn dawn ir-riżultanzi, jidher ċar illi fil-perijodu meta s-sistema kienet qed tiffunzjona kif suppost, is-sistema kienet qed tipproduċi ħafna iżjed enerġija milli fil-perijodu meta s-sistema kienet bil-ħsara, tant li l-bilanċ dovut fuq il-kontijiet ta' kull xahar (tad-dawl u anke tal-ilma) kienu ħafna aktar baxx – jew saħansitra negattiv. Dan għaliex il-produzzjoni żejjed tal-enerġija kien qed ikopri l-kont kollu.*

*Il-pannelli solari jnaqqsu l-ammont dovut fuq il-kont tad-dawl tiegħek b'żewġ modi: l-ewwel, għaliex il-produzzjoni tal-enerġija tintuża biex tħaddem direttament id-dar tiegħek, b'mod li inti tnaqqas l-ammont ta' elettriku li tixtri mill-grid u t-tieni għaliex il-produzzjoni solari żejjed tista' tiġi "esportata" fuq il-grid tal-elettriku bħala forma ta' kreditu.*

*Wara li ra d-dokumenti kollha u analizzahom, it-Tribunal jidhirlu illi l-kalkoli li għamlu r-rikorrenti huma raġonevoli. Fiċ-ċirkostanzi però, u anke peress illi r-rikorrenti setgħu kienu aktar preċiżi dwar kif waslu għall-kalkoli tagħhom, ser jiffissa dan it-telf,* arbitrio boni viri *fl-ammont ta' elf u ħames mitt euro."*

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-10 ta' Settembru, 2024 fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fit-28 ta' Awwissu, 2024 fil-kawża fl-ismijiet premessi, u minflok tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata appellanta u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom."*

7. L-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal u ressqet sitt aggravji: (i) li d-deċiżjoni tat-28 t'Awwissu, 2024 hija nulla minħabba ksur tar-Regolament 14.3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01; (ii) preliminarjament kien hemm żball fis-sens li l-appellati fetħu l-kawża tagħhom kontra 'Environmental Management Solutions', iżda l-kumpannija li huma akkwistaw is-servizzi u l-prodotti mingħandha hija Energy Management Solutions Limited (C 42110). Il-Qorti tirrileva li dwar dan il-punt kien sar rikors min-naħa tal-appellati għal korrezzjoni fl-okkju *ai termini* tal-artikolu 175(2) tal-Kap. 12, u fil-fatt it-talba tagħhom kienet ġiet milqugħha permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Frar, 2025; (iii) li t-Tribunal kien skorrett meta laqa' t-talba tal-appellati parzjalment, u dan għaliex ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq allegazzjonijiet mhux ippruvati, u abbażi ta' evidenza li ma kinitx l-aħjar prova li setgħet tinġieb; (iv) li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-prinċipju li l-parti danneġġjata għandha l-obbligu li timminimizza d-danni, u ma kellux jaċċetta l-fatt li l-appellati damu madwar sena sabiex avżaw lis-soċjetà appellanta li seta' kien hemm xi ħaġa mhijiex sew fis-sistema pprovduta minnha; (v) li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-prinċipju tan-*non-renunciation / waiver of breach* meta qies li l-appellati tkellmu ma' 'Ġorġ' tramite l-*messenger*, u dan minkejja li t-termini u l-kundizzjonijiet kienu jgħidu li kwalsiasi ilment kellu jsir bil-miktub u direttament mas-soċjetà appellanta; (vi) li t-Tribunal kien skorrett u mar kontra

l-artikolu 223 tal-Kap. 12 meta akkolla l-ispejjeż kollha lis-soċjetà appellanta, minkejja li t-talba tal-appellati ma ġietx milqugħa fl-intier tagħha.

8. L-appellati wieġbu li huma wkoll intavolaw rikors tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal, li permezz tiegħu huma talbu lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha l-appellata ġiet ordnata tħallas l-ammont ta' €1,500 lilhom u l-ispejjeż tal-proċeduri, filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ma ngħatatx deċiżjoni dwar it-tieni talba tagħhom, u tordna lill-appellanta sabiex tipprovdi s-sistema kif kienet imwiegħda lilhom mir-rappreżentanti tas-soċjetà appellanta, jew inkella tneħħi s-sistema tar-riżerva tal-batteriji u troddilha lura l-flus ta' din is-sistema (€6,000).

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. In linea preliminari u in sostenn tal-aggravji sollevati minnha, is-soċjetà appellanta qalet li kien hemm diversi inkonsistenzi min-naħa tal-appellati, fosthom uħud li ġew senjalati mit-Tribunal, bħal fejn dawn allegaw li s-sistema kellu jkollha *emergency power supply,* iżda dan ma kienx minnu, jew meta allegaw li l-faċilità ta' *wifi network* kienet obbligu tas-soċjetà appellanta, iżda dan dejjem huwa obbligu tal-klijent. Qalet li l-obbligu tagħha kien biss li tipprovdi sistema bil-faċilità tal-*wifi,* u mhux li tara li l-*wifi network* tal-appellati jasal sa fuq il-bejt. Qalet li l-appellati mhumiex ikunu raġonevoli fil-pretensjonijiet tagħhom, u permezz ta' dawn il-proċeduri qegħdin jippruvaw jieħdu dak li mhux tagħhom. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ilment prinċipali tal-appellati kien li huma tilfu diversi *units* tal-elettriku kawża tal-allegata ħsara fis-sistema tal-pannelli, iżda li l-appellati ma qalux li damu sena sħiħa biex

infurmawha b'dan, apparti li ma ġabux provi ċari in sostenn tal-argument tagħhom.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Ir-Regolament 14.3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01]*

10. Is-soċjetà appellanta tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija nulla għaliex ma ngħatatx fi żmien erbgħin ġurnata, kif stipulat fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01.

11. L-appellati wieġbu għal dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta billi qalu li filwaqt li l-ispirtu tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01 huwa li kemm jista' jkun id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tingħata mingħajr dewmien, fl-istess waqt ir-Regolamenti imkien ma jeżiġu li jekk tingħata aktar tard miż-żmien stipulat, id-deċiżjoni tkun nulla.

12. Il-Qorti tirrileva li r-Regolament 14.1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01 jipprovdi għal sitwazzjoni fejn l-Arbitru jista' jiddeċiedi dwar it-talba li jkollu quddiemu f'xi data li tiġi wara seduta. Ir-Regolament 14.3 imbagħad jipprovdi li:

> "Meta deċiżjoni tal-Arbitru ma tingħatax fi tmiem is-seduta, din għandha tingħata kemm jista' jkun malajr u kull wieħed mill-partijiet ikun intitolat jitlob mingħand is-Segretarju kopja ta' dik id-deċiżjoni. F'ebda każ ma għandha deċiżjoni tingħata aktar tard minn erbgħin jum mid-data tal-aħħar seduta."

13. Fil-każ odjern għaddew preċiżament disgħa u erbgħin ġurnata bejn l-aħħar seduta tat-Tribunal li saret fl-10 ta' Lulju, 2024, u d-data meta ngħatat id-deċiżjoni mit-Tribunal fit-28 t'Awwissu, 2024. Ir-Regolament iċċitat mis-soċjetà appellanta imkien ma jgħid li jekk id-deċiżjoni tat-Tribunal ma tingħatax entro t-

terminu ta' erbgħin jum, din titqies li tkun nulla. Għalhekk mhijiex sejra tassumi li din kienet l-intenzjoni tal-leġislatur meta pprovda li d-deċiżjoni għandha tingħata fi żmien erbgħin ġurnata, għaliex l-animu tal-leġislatur fit-tfassil ta' din il-liġi kien li ma jkunx hemm delungar bla bżonn, u li l-kwistjonijiet li jkollu quddiemu t-Tribunal jinqatgħu mingħajr dewmien żejjed. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

Il-Qorti tirrileva li in vista tad-digriet mogħti minnha fil-5 ta' Frar, 2025, it-tieni aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud ukoll.

*It-Tielet Aggravju:* *[It-Tribunal ibbaża ruħu fuq allegazzjonijiet mhux ippruvati, u mingħajr ma nġabet l-aħjar prova]*

14. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ewwel kuntatt magħha mill-appellati sar f'Novembru 2021, meta dawn infurmawha li terzi kienu kkaġunaw ħsara fuq il-faċċata tagħhom, u meta rappreżentanti tagħha marru fuq il-post, dawn sabu l-*cables* kollha miġbudin. Qalet li dawn ippruvaw isalvaw kemm jistgħu minn dawn il-*cables,* u għamlu x-xogħol meħtieġ sabiex is-sistema terġa' tibda taħdem. Is-soċjetà appellanta qalet li t-tieni ilment mill-appellati sar meta huma rrikorrew direttament fl-uffiċini tagħha u għamlu ilment ma' waħda mill-impjegati tagħha, u wara li sar dan l-ilment ntbagħat *technician* fuq il-post fl-20 ta' Diċembru, 2022, li kkonstata li l-batteriji ma kinux qegħdin jaħdmu kif suppost, u kien sar rapport lill-manifattur dwar dan. Is-soċjetà appellanta qalet li dakinhar is-sistema tħalliet taħdem kif suppost, iżda mingħajr batteriji. Qalet li t-tielet kuntatt kien sar permezz ta' *email* mibgħuta fl-4 ta' Marzu, 2023, u l-għada hija bagħtet *technician* fuq il-post, li għal darb'oħra ħalla s-sistema

taħdem mingħajr batteriji. Kompliet tgħid li anki fil-11 ta' Marzu, 2024, is-sistema tħalliet taħdem kif suppost, u ġie anki mqabbad l-*wifi* sabiex l-appellati jkunu jistgħu jaraw is-sistema tagħhom x'inhi tipproduċi. Is-soċjetà appellanta qalet li hija dejjem qdiet lill-appellati mingħajr dewmien kull darba li kienet infurmata b'xi problema, u l-ewwel ilment wasal għandha f'Diċembru tal-2022, u jekk kien hemm xi problemi qabel din id-data, hija ma setgħetx tkun taf bihom. Qalet li jekk wieħed jaqra d-deċiżjoni tat-Tribunal, wieħed jista' jikkonkludi li dan seta' ma fehmx sew is-sekwenza ta' kif seħħew l-affarijiet, u li dak allegat mill-appellati ma jikkombaċjax ma' dak mitlub minnhom.

15. Is-soċjetà appellanta qalet li l-kopji tal-kontijiet tad-dawl ippreżentati mill-appellati ma jwasslux għaċ-ċifra ta' €1,800 pretiża minnhom, u fil-provi tagħhom huma ma jispjegawx kif waslu għal din iċ-ċifra. Qalet li lanqas ma spjegaw b'liema rati jew tariffi huma ħadmu l-konsum u l-allegat telf ta' *units.* Is-soċjetà appellanta spjegat li bejn Diċembru 2022 u Marzu 2023, il-batteriji ma kinux qegħdin jaħdmu, u għalhekk dawn issewwew minnha minkejja li hija ma kellha ebda obbligu li tagħmel dan, għaliex l-ebda garanzija ma tkopri batteriji li jitħallew bla *charge* għal tul ta' żmien, iżda hija xorta waħda bidlet dawn il-batteriji. Qalet li t-talbiet tal-appellati kellhom ifallu *ab initio* quddiem it-Tribunal għaliex huma naqsu milli jispjegaw għalfejn damu sena biex għamlu ilment formali magħha, u lanqas ma ppreżentaw provi f'dan ir-rigward. Qalet ukoll li l-appellati naqsu milli jtellgħu lil 'Ġorġ' bħala xhud, u sallum m'hemm l-ebda prova dwar dan min kien u x'kien qal lill-appellati. Is-soċjetà appellanta qalet li dak kollu li seta' ngħad minn dan Ġorġ, huwa *detto del detto,* għaliex dan ma ġiex prodott bħala xhud quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk hija nieqsa kull forma ta' prova dwar x'ġara matul is-sena li skont l-

appellati tilfu diversi *units* tal-elettriku, għajr għall-kontijiet tad-dawl ippreżentati minnhom, liema kontijiet ġew esebiti biss bħala kopja informali, u mingħajr ma ġie prodott rappreżentant tal-ARMS sabiex jikkonferma l-istess kontijiet bil-ġurament, u jispjega l-mod kif dawn inħadmu, u x'jirrappreżentaw.

16. L-appellati laqgħu għal dan billi qalu li huma ppreżentaw żewġ *affidavits* ġuramentati, fejn spjegaw il-fatti li wasslu għax-xiri tal-pannelli mingħand is-soċjetà appellanta, b'mod partikolari l-ftehim magħha sabiex mhux biss jixtru l-pannelli b'valur ta' €5,000, iżda anke jixtru sistema ulterjuri fl-ammont ta' €6,000 addizzjonali sabiex jiġu pprovduti b'batteriji b'riżerva għal raġunijiet serji marbuta mas-saħħa ta' binhom. Qalu li għalhekk b'kollox huma ħallsu lis-soċjetà appellanta €11,000, u huwa ovvju li huma ma ħallsux dawn il-flus għal xejn b'xejn. Qalu li fil-kontro-eżami li sar lill-Inġinier Jean Paul Micallef, dan imkien ma ċaħad li jeżisti 'George Muscat'. Saħqu li fil-kamp ċivili l-oneru tal-prova rikjest huwa dak ta' bilanċ ta' probabbiltajiet, u għalhekk il-provi miġjuba fl-ewwel istanza jilħqu l-grad tal-aħjar prova, għaliex ġew ippreżentati *affidavits,* USB bir-reklam tal-offerti tas-soċjetà appellanta bi spjegazzjoni tas-sistema kif taħdem u x'ammonti ser tiġġenera, ir-rendikonti kollha ta' kemm-il darba ntbagħtu rappreżentanti tal-kumpannija sabiex isiru t-tiswijiet, u l-kopji tal-kontijiet tad-dawl li bl-ebda mod ma jirriflettu li twaħħlet sistema ta' pannelli kif suppost minn dakinhar li twaħħlu sa sena wara li ġew installati. Qalu li l-ammont iffissat mit-Tribunal fl-ewwel istanza kien determinat *arbitrio boni viri* u dan sar għaliex kien diffiċli li wieħed jagħmel kalkolu preċiż ta' kemm kien it-telf li huma ġarrbu.

17. Il-Qorti tqis li l-appellati laħqu l-grad tal-prova rikjest mil-liġi sabiex jippruvaw li huma verament xtraw sistema ta’ pannelli solari mingħand is-soċjetà appellata, u ftit wara ddeċidew li jixtru wkoll sistema ta’ batteriji sabiex ikollhom riżerva tal-enerġija f’każ ta’ qtugħ tad-dawl min-naħa tal-Enemalta. L-appellati spjegaw li huma kellhom problema bis-sistema li ġiet installata fil-proprjetà tagħhom sa mill-bidu nett, tant hu hekk li fl-ewwel kont ta’ ARMS li rċevew f’Jannar tal-2022, jiġifieri ftit ġimgħat jew xhur wara li kienet saret l-installazzjoni tal-pannelli, huma tkellmu ma’ ‘Ġorġ’ li kien is-*salesman* li biegħhilhom is-sistema, għaliex irrealizzaw li l-pannelli ma kinux qegħdin jiġġeneraw l-ammont ta’ enerġija li kien imwiegħed lilhom, kif ukoll għaliex ġew f’diffikultà jekk dan kienx dovut għal xi nuqqas min-naħa ta’ ARMS, jew inkella għaliex kellhom problema bl-installazzjoni li saret fil-proprjetà tagħhom. Mill-korrispondenza esebita, jirriżulta li l-appellati kienu f’komunikazzjoni ma’ dan ‘Ġorġ’, għalkemm mhux ċar jekk dan qattx irrisponda, għalkemm messaġġ mibgħut lil ‘Ġorg EMS’ fil-25 t’April, 2025 jgħid illi *‘Hi Ġorġ kellek tiċċekkja fuq xi wires u nsejtna’,* liema messaġġ jindika li xi forma ta’ reazzjoni minn dan ‘Ġorġ’ kien hemm għall-messaġġi li bdew jibagħtulu l-appellati. Fit-13 ta’ Diċembru, 2022 imbagħad l-appellati reġgħu tkellmu mal-istess ‘Ġorġ’, fejn infurmawh li min-naħa tal-Enemalta kienu kkonfermawlhom li l-pannelli kienu ilhom ma jipproduċu minn Marzu, fejn ir-reazzjoni ta’ ‘Ġorg’ kienet *‘Ok ħa ngħaddi il-kument tikak* (sic!)’. Għal dan il-messaġġ jidher li kien hemm azzjoni min-naħa tas-soċjetà appellanta, li bagħtet persuna teknika fuq il-post, li tefa’ l-batteriji. Mill-provi jirriżulta li l-batteriji eventwalment ġew irranġati f’Marzu tal-2023, u għalkemm is-soċjetà appellanta tgħid li hija ma kellha l-ebda obbligu li tirranġa din is-sistema, għaliex il-batteriji tħallew mingħajr *charge* għal għadd ta’

ġimgħat, jirriżulta wkoll li kien it-tekniku tas-soċjetà appellanta li tefa' s-sistema tal-batteriji, u dan ma sarx fuq inizjattiva tal-appellati. Kien biss f'Marzu tal-2023, jiġifieri wara li ġiet irranġata s-sistema tal-batteriji, li l-appellati ngħataw l-*app* li kellha taqbad mal-*mobile* tagħhom sabiex huma jkunu jistgħu jimmonitorjaw dak li l-pannelli kienu qegħdin jipproduċu, u dan minflok ma din is-sistema ġiet ipprovduta lilhom mill-bidu nett. Dawn l-indizji kollha jindikaw li kien hemm diversi nuqqasijiet min-naħa tas-soċjetà appellanta, u li mhuwiex minnu li l-appellati b'xi mod naqsu milli jġibu l-aħjar prova li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Għall-kuntrarju jirriżulta li quddiem it-Tribunal huma pproduċew id-dokumentazzjoni kollha li kellhom fil-pussess tagħhom, u ressqu provi ġuramentati dwar is-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

*Ir-Raba' u l-Ħames Aggravji:* *[L-obbligu tad-danneġġjat li jimminimizza d-danni* – non-renunciation/waiver of breach *skont it-termini u kundizzjonijiet maqbula]*

18. Ir-raba' u l-ħames aggravji sejrin jiġu kkunsidrati flimkien għaliex huma intrinsikament marbuta ma' xulxin. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kien skorrett meta kkonkluda li l-kuntatt ma' 'Ġorġ' kien jikkostitwixxi l-*formal notice* li jirreferu għaliha t-*Terms & Conditions of Sale,* anke jekk kien hemm istanza fejn komunikazzjoni ma' 'Ġorġ' wasslet biex is-soċjetà appellanta bagħtet *technician* fuq il-post. Is-soċjetà appellanta qalet li dan mhux biss imur kontra t-termini u kundizzjonijiet mifthema bejn il-partijiet, iżda wkoll kontra l-prinċipju tan-*non-renunciation,* għaliex konċessjoni ta' darba ma tfissirx li l-appellati ma kellhomx jibqgħu marbutin bit-termini u l-kundizzjonijiet aċċettati minnhom,

jiġifieri li kull komunikazzjoni kellha ssir bil-miktub u mal-kumpannija. Qalet li l-fatt li għal darba waħda saret komunikazzjoni ma' 'Ġorġ', u din wasslet biex intbagħat *technician* fuq il-post, ma jfissirx li l-appellati ġew meħlusa mill-obbligu tagħhom li jagħmlu komunikazzjoni formali u bil-miktub mal-kumpannija skont it-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma u mhux ma' terzi. Is-soċjetà appellanta saħqet li huwa għalhekk li jiġu mifthema t-termini u l-kundizzjonijiet, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn allegatament ikun sar kuntatt ma' kumpannija, u jirriżulta li din il-korrispondenza ma tkun waslet qatt.

19. Is-soċjetà appellanta qalet li imkien ma ġie allegat li dak li ffirmaw għalih l-appellati jikkostitwixxi xi prattika kummerċjali mhux ġusta jew qarrieqa, u imkien ma ġie allegat jew ippruvat li l-appellati ġew imġiegħla jiffirmaw xi ħaġa li ma kinux fehmu jew li ma ġietx spjegata lilhom. Qalet li dan ifisser li l-appellati kienu ben konxji ta' dawn it-termini u kundizzjonijiet, u ma hemm l-ebda raġuni li setgħet tiskużahom milli jimxu magħhom.

20. Is-soċjetà appellanta saħqet li d-danneġġjat għandu l-obbligu li kemm jista' jkun jimminimizza d-danni li jkun responsabbli għalihom min ikun ikkaġuna l-ħsara. Qalet li l-appellati kienu ferm traskurati fl-aġir tagħhom, u naqsu milli jieħdu l-inizjattiva sabiex jassiguraw li t-telf tal-elettriku ma jkomplix jikber, ħallew sena tgħaddi, u wara istitwew il-proċeduri odjerni minflok ma bagħtu ilment bil-miktub lilha sabiex tkun tista' tindirizza l-problema.

21. L-appellati laqgħu għal dan billi qalu li fil-każ odjern irriżulta li verament kien hemm xi ħaġa mhux tiffunzjona sew fis-sistema pprovduta mis-soċjetà appellanta. Qalu li min-naħa tagħhom huma kienu f'kuntatt kontinwu ma' rappreżentanti tas-soċjetà appellanta, u mhuwiex minnu li huma damu sena

biex ilmentaw dwar il-problemi li kienu qegħdin jiffaċċjaw bil-pannelli. Qalu li huma kkomunikaw mas-soċjetà appellanta immedjatament wara li rċevew il-kont uffiċjali minn ARMS f'Jannar tal-2022, u dan meta l-pannelli kienu ġew installati f'Ottubru tas-sena preċedenti, u anki għamlu sforz sabiex jivverifikaw jekk il-problema kinitx ġejja minn ARMS jew mill-pannelli. Qalu li meta huma vverifikaw li l-problema kienet ġejja mill-pannelli, huma dejjem ċemplu jew bagħtu messaġġ lill-istess *salesperson* sabiex jintbagħat persuna teknika u jsiru t-tiswijiet meħtieġa. Qalu li huma dejjem ippruvaw iżommu komunikazzjoni kontinwa mas-soċjetà appellanta permezz ta' rappreżentant uffiċjali tagħha, meta kienet is-soċjetà appellanta stess li kienet injorathom għal diversi drabi, sakemm kellhom saħansitra jistitwixxu l-proċeduri quddiem it-Tribunal.

22. L-appellati qalu wkoll li kull kumpannija jkollha rappreżentanti uffiċjali tagħha li jirrappreżentawha fin-negozju tagħha, u fil-każ odjern il-komunikazzjoni tal-appellati dejjem kienet ma' George Muscat permezz ta' messaġġi fuq il-mezzi soċjali, u wara din il-komunikazzjoni huma kellhom *follow-ups* minn persuna teknika, fejn f'Diċembru 2022 kien saħansitra sar rapport lill-manifattur dwar il-problemi tal-batteriji, u f'Marzu tal-2023 ġiet installata l-*app* tal-*mobile* sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ tal-produzzjoni tal-elettriku mill-pannelli. L-appellati saħqu wkoll li ladarba r-rappreżentant tal-kumpannija kien kapaċi jbiegħ is-sistema tagħha, dan kellu jkun kapaċi wkoll jindirizza l-ilmenti tal-klijenti.

23. Dwar dawn iż-żewġ aggravji, jirriżulta mill-atti li hekk kif l-appellati ntebħu li s-sistema installata minnhom f'Ottubru tal-2021 ma kinitx qiegħda tipproduċi l-ammont ta' *units* kif mifthema skont reklami li saru mis-soċjetà appellanta,

dawn mill-ewwel għamlu kuntatt mas-*salesman* li kien biegħilhom l-istess sistema, sabiex jaraw x'setgħet kienet il-problema. Dan kien f'Jannar tal-2022, meta l-appellati rċevew l-ewwel kont tal-ARMS. Jirriżulta wkoll li dan is-*salesman* b'xi mod baqa' f'kuntatt mal-appellati. Hu minn ewl id-dinja li ladarba l-ewwel punt ta' riferiment għall-appellati kien Ġorġ Muscat, għal kull problema li kellhom bl-installazzjoni li saret fil-proprjetà tagħhom, huma kienu ser jirrikorru għand dan il-persuna, li f'punt minnhom indirizza l-ilment tagħhom, bir-riżultat li ntbagħtet persuna teknika fil-proprjetà tagħhom. Ma jkunx raġonevoli li jiġi mistenni li konsumatur ordinarju jirreferi għat-termini tal-ftehim tax-xiri kull darba li jkollu problema b'oġġett jew servizz li jkun xtara, u fil-każ odjern kien raġonevoli li l-appellati jirrikorru għall-għajnuna tal-persuna li kienet assistithom biex jixtru s-sistema installata fil-fond tagħhom, b'kull problema li nqalgħetilhom. Wara kollox ħadd ma jistenna li ftit ġimgħat biss wara li jħallas il-flus għall-installazzjoni ta' sistema bħal din, jiskopri li s-sistema mhijiex tiġġenera l-ammont ta' *units* imwiegħda lilu jew li s-sistema ma kinitx qed taħdem sew. Mill-provi jirriżulta li l-*app* li l-appellati kellhom jingħataw mal-installazzjoni tal-pannelli, damet ma ngħatatilhom sa Marzu tal-2023, bil-konsegwenza loġika tkun li huma ma kellhomx mod kif jivverifikaw jekk is-sistema kinitx qiegħda tipproduċi l-ammont ta' *units* mifthema jew le. Kien għalhekk li l-appellati riedu jivverifikaw mal-fornitur tas-servizz tal-elettriku f'Malta sabiex jaraw jekk il-problema kinitx qiegħda tiġi kkawżata mill-pannelli jew inkella min-naħa tal-Enemalta, u kien biss wara li huma vverifikaw li l-problema kienet ġejja mill-pannelli li huma resqu quddiem is-soċjetà appellanta bl-ilment formali tagħhom. Il-fatt li l-ilment sar mas-*salesman* li biegħ il-prodott ma jnaqqas xejn mill-effikaċja tal-ilment tal-ilment tagħhom, u fil-fatt is-soċjetà

appellanta bagħtet persuna teknika sabiex teżamina l-installazzjoni u ma stenniet li jsirilha l-ebda ilment formali ulterjuri min-naħa tal-appellati qabel ħadet din id-deċiżjoni. Għaldaqstant, tqis li dawn iż-żewġ aggravji mhumiex ġustifikati, u tiċħadhom.

*Is-Sitt Aggravju:* *[L-ispejjeż]*

24. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li t-Tribunal kien skorrett u mexa kontra dak li jgħid l-artikolu 223 tal-Kap. 12 meta akkolla l-ispejjeż kollha lilha, minkejja li t-talba tal-appellati ma ġietx milqugħa fl-intier tagħha. Qalet li hija kienet telliefa biss parzjalment, u għalhekk l-ispejjeż kellhom jitnaqqsu b'mod proporzjonat. L-appellanta qalet li qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha meta kull waħda mill-partijiet tkun telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra. Qalet li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda kwistjoni diffiċli tal-liġi, imma nuqqas ta' provi min-naħa tal-appellati li wassal biex it-talba tagħhom ma tiġix milqugħa.

25. L-appellati qalu li it-Tribunal għamel biss riduzzjoni tas-somma pretiża minnhom għal raġunijiet tekniċi, u mhux għaliex l-ammont pretiż minnhom ma jirrappreżentax it-telf ta' *units* ppruvat. L-appellati saħqu li meta t-Tribunal ikkunsidra l-provi prodotti minnhom dwar it-telf ta' *units,* is-sitwazzjoni tas-saħħa ta' binhom, u l-inkonvenjent ikkaġunat lilhom meta s-soċjetà appellanta naqset milli tonora l-ftehim ta' bejniethom, jirriżulta li t-Tribunal kellu kull dritt jeżerċita l-ġudizzju tiegħu sabiex jiddetermina l-ispejjeż.

26. L-artikolu 223 sub-inċiż (3) tal-Kap. 12 jipprovdi:

> "Fil-każijiet kollha, il-Qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli, inkella għal xi raġuni tajba oħra."

27. Fil-każ odjern la t-Tribunal, u lanqas din il-Qorti ma waslu għall-konklużjoni li s-soċjetà appellanta b'xi mod għandha tiġi eżonerata mir-responsabbilità għan-nuqqasijiet tagħha, u l-unika raġuni għalfejn il-likwidazzjoni da parti tat-Tribunal saret *arbitrio boni viri,* u f'ammont li mhux wisq inqas mill-pretensjoni tal-appellati, kienet għaliex l-ammont ta' danni sostnut minnhom ma setax jiġi determinat faċilment, la mill-appellati u lanqas mit-Tribunal. Il-Qorti għalhekk tqis li l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal kienet waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk mhijiex ser tkun qiegħda tvarja d-deċijoni dwar l-ispejjeż kif saret. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fir-rigward tal-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta fil-proċeduri odjerni. Il-Qorti tirrileva li għad irid jiġi deċiż il-mertu tal-proċeduri ta' appell separat istitwiti mir-rikorrenti kontra s-soċjetà intimata fir-rigward tat-tieni parti tat-talba tagħhom.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**